

Brussell, 16 ta' Marzu 2020  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2017/0123(COD)

---

---

6734/20  
ADD 2

CODEC 174  
TRANS 110

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009, (KE) Nru 1072/2009 u (UE) Nru 1024/2012 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur tat-trasport bit-triq ( <b>I-ewwel qari</b> ) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill = Dikjarazzjoni

---

#### Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni għall-minuti tal-COREPER

Il-Kummissjoni tinnota l-ftehim proviżorju dwar l-aspetti soċjali u tas-suq tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà I milħuq mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew waqt ir-raba' trilogu li sar fil-11 u t-12 ta' Diċembru 2019.

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-qbil politiku li ntlaħaq mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew jinkludi elementi li mhumiex konformi mal-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u mal-approvazzjoni tal-Kunsill Ewropew għall-objettiv li l-UE tilħaq stat ta' newtralità klimatika sal-2050. Dawn huma r-ritorn obligatorju tal-vettura lill-Istat Membru ta' stabbiliment kull tmien ġimgħat u r-restrizzjonijiet imposti fuq l-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat. Dawn il-miżuri ma kinux parti mill-proposti tal-Kummissjoni adottati fil-31 ta' Mejju 2017 u ma kinux is-suġġett ta' valutazzjoni tal-impatt. L-obbligu tar-ritorn tat-trakk ser iwassal għal ineffiċjenzi fis-sistema tat-trasport u għal żieda ta' emissjonijiet, tniġġis u konġestjoni bla bżonn, filwaqt li r-restrizzjonijiet fuq it-trasport ikkombinat inaqqsu l-effikaċja tiegħu biex jappoġġa l-operazzjonijiet tat-trasport multimodali tal-merkanzija.

It-titjib soċjali f'din il-proposta huwa sinifikanti. Il-Kummissjoni issa ser tivvaluta mill-qrib l-impatt ta' dawn iż-żewġ aspetti fuq il-klima, l-ambjent u l-funzjonament tas-suq uniku. Il-Kummissjoni ser tagħmel dan fid-dawl tal-Patt Ekoloġiku u tal-miżuri għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport u l-protezzjoni tal-ambjent, filwaqt li tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku.

Wara l-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni, jekk ikun meħtieġ, se teżerċita d-dritt tagħha li tressaq proposta leġiżlattiva mmirata qabel ma jidħlu fis-seħħ iż-żewġ dispożizzjonijiet.